

MT

2023

06

Rapport Speċjali

## Il-kunflitt ta' interess fl-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura tal-UE

Hemm qafas fis-seħħ iżda jeżistu lakuni fil-miżuri ta' trasparenza u ta' identifikazzjoni



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

# Werrej

	Paragrafu
<b>Sommarju eżekuttiv</b>	<b>I - VI</b>
<b>Introduzzjoni</b>	<b>01 - 13</b>
<b>Il-kunflitti ta' interess u l-baġit tal-UE</b>	<b>01 - 06</b>
<b>Kunflitti ta' interess u ġestjoni kondiviża</b>	<b>07 - 10</b>
<b>Riskji ta' kunflitt ta' interess u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt</b>	<b>11 - 13</b>
<b>Ambitu u approċċ tal-awditjar</b>	<b>14 - 17</b>
<b>Osservazzjonijiet</b>	<b>18 - 82</b>
<b>Il-miżuri għat-titjib tat-trasparenza u għall-protezzjoni tal-informaturi għadhom mhumiex fis-seħħi</b>	<b>18 - 48</b>
Il-Kummissjoni toffri taħriġ komprensiv u tirrikjedi dikjarazzjonijiet obbligatorji, iżda hemm xi dgħufijiet fil-proċeduri tagħha f'dak li jikkonċerna r-revolving doors	<b>20 - 24</b>
Il-Kummissjoni ssib dgħufijiet fil-proċeduri ta' prevenzjoni tal-Istati Membri u tippordi gwida utli	<b>25 - 28</b>
L-Istati Membri għandhom qafas biex jipprevu l-kunflitti ta' interess, iżda dan ma nbidilx mindu ġiet adottata d-definizzjoni l-ġidha tal-UE	<b>29 - 30</b>
L-Istati Membri għandhom proċeduri biex jimmaniġġaw il-kunflitti ta' interess, iżda fadal ċerti dgħufijiet	<b>31 - 42</b>
Għaddejjin sforzi biex tiżdied it-trasparenza dwar il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-UE	<b>43 - 46</b>
Dewmien fit-traspożizzjoni tad-direttiva dwar il-protezzjoni tal-informaturi	<b>47 - 48</b>
<b>Lakuni fil-miżuri biex jiġu identifikati, jiġu solvuti u jsir rappurtar dwar il-kunflitti ta' interess</b>	<b>49 - 82</b>
Il-Kummissjoni tiffoka fuq każijiet suspettati li jkunu ġew irrapportati	<b>51 - 58</b>
L-Istati Membri jqiegħdu enfasi kbira fuq l-identifikazzjoni tal-kunflitt ta' interess fil-qasam tal-akkwist pubbliku iżda ma jiddedikawx attenzjoni suffiċċenti lil xi allarmi ħomor	<b>59 - 64</b>
Il-korpi tal-awditjar fl-Istati Membri sabu dgħufijiet fl-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess	<b>65 - 66</b>

L-estrazzjoni ta' <i>data</i> ma tintużax suffiċjentement għall-identifikazzjoni tal-kunflitti ta' interess	<b>67 - 73</b>
Hemm mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni fis-seħħ, iżda l-proċeduri jaf jieħdu ż-żmien	<b>74 - 77</b>
Ir-rappurtar dwar il-kunflitti ta' interess mhuwiex komplet	<b>78 - 82</b>
<b>Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet</b>	<b>83 - 91</b>

## **Abbrevjazzjonijiet**

## **Glossarju**

## **Risposti tal-Kummissjoni**

## **Kronoloġija**

## **Tim tal-awditjar**

# Sommarju eżekuttiv

**I** Kunflitt ta' interess huwa irregolarità li taffettwa l-baġit tal-UE li jaf tkun marbuta ma' attivitajiet froudenti. Huwa ddefinit fir-Regolament Finanzjarju tal-UE u fid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku.

**II** Fl-2018, reviżjoni tal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju estendiet b'mod espliċitu l-obbligi biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess lil nies involuti fil-ġestjoni ta' fondi tal-UE fl-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni kondiċiża. Kunflitt ta' interess ikun jeżisti fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' dawk involuti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE jkun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess personali dirett jew indirett ieħor.

**III** L-iskop tal-awditu kien li jiġi vverifikat, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni riveduta, ta' każijiet reċenti u tal-interessi tal-partijiet ikkonċernati ewlenin u tal-pubbliku, jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri indirizzawx adegwatament il-kunflitti ta' interess fil-politika agrikola komuni u fil-politika ta' koeżjoni. L-awditu kien maħsub biex jiġbed l-attenzjoni għal nuqqasijiet possibbli fl-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess fil-livell tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri u biex jirrakkomanda titjib.

**IV** Aħna vvalutajna l-qafas u l-proċeduri li hemm fis-seħħi biex nipprevienu l-kunflitti ta' interess, kif ukoll biex nidentifikaw il-każijiet, insolvuhom u nirrapportaw dwarhom.

**V** Sibna li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri kienu għamlu sforzi biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess, iżda li kien għad hemm il-lakuni, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-promozzjoni tat-trasparenza, u, fl-Istati Membri, l-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet f'riskju, kif ukoll ir-rappurtar komprensiv tal-każijiet ta' kunflitt ta' interess sabiex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom stampa ġenerali ċara.

**VI** Aħna nirrakkmandaw miżuri biex jgħinu lill-Kummissjoni ttejjeb il-kapaċità tagħha li tipprevieni u tidentifika l-kunflitti ta' interess u tippromwovi t-trasparenza.

# Introduzzjoni

## Il-kunflitti ta' interess u l-baġit tal-UE

**01** Kunflitt ta' interess huwa irregolarità li taffettwa l-baġit tal-UE li jaf tkun marbuta ma' attivitajiet froudenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li "kunflitt ta' interess jikkostitwixxi, oġġettivament u fih innifsu, irregolarità serja mingħajr ma jkun hemm ħtieġa li dan jiġi kkwalifikat, billi jitqiesu l-intenzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u jekk dawn kinux qed jaġixxu *in bona fide*"<sup>1</sup>. Il-kunflitt ta' interess huwa ddefinit fir-Regolament Finanzjarju tal-UE<sup>2</sup> u fid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku<sup>3</sup>.

**02** Reviżjoni tal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju li saret fl-2018 testendi b'mod espliċitu l-obbligi sabiex jiġu evitati il-kunflitti ta' interess lil nies involuti fil-ġestjoni ta' fondi tal-UE fl-Istati Membri. L-Artikolu japplika wkoll għal persuni involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar atti preparatorji għall-programmi ta' nfiq tal-UE, bħalma huma l-membri tal-gvern. Skont l-Artikolu 61(3), kunflitt ta' interess ikun jeżisti fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' persuna involuta fl-implementazzjoni tal-baġit tal-UE jkun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess personali dirett jew indirett ieħor.

**03** Meta jiġi identifikat kunflitt ta' interess perċepit jew reali, l-awtorità rilevanti trid tiżgura li l-persuna inkwistjoni twaqqaqaf kull attivitā fil-kwistjoni. L-Artikolu 36(3) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi kontroll intern effettiv fl-implementazzjoni tal-baġit tal-UE, abbażi tal-aħjar prattiki internazzjonali u inkluż l-evitar tal-kunflitti ta' interess.

**04** Għall-iskop ta' dan ir-rapport, aħna niddefinixxu "interess" bħala impenn, obbligu, dmir jew għan assoċjat ma' rwol jew prattika soċjali u ekonomika partikolari. Tali interess jista' jiġi maħsub jew biex jiffavorixxi lil ċerti individwi jew gruppi, jew biex joħolqilhom żvantaġġ. Interess jista' jiġi kkategorizzat bħala dirett jew indirett, u finanzjarju jew mhux finanzjarju (ara l-**Figura 1**).


---

<sup>1</sup> Ismeri Europa vs il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>2</sup> Ir-Regolament Finanzjarju tal-UE, l-Artikolu 61.

<sup>3</sup> L-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/25/UE.

## Figura 1 – Kategoriji ta' interess



Sors: [Victorian Public Sector Commission, 2016](#).

**05** L-OECD<sup>4</sup> tiddistingwi bejn tipi differenti ta' kunflitt ta' interess: reali, potenzjali u perċepit. Id-differenza bejniethom, li mhix iddefinita fid-dritt tal-UE, hija ppreżentata fil-**Figura 2** hawn taħt kif applikata għall-kuntest tal-finanzjament mill-UE:

<sup>4</sup> OECD, *Managing conflict of interest in the public sector*, 2005.

**Figura 2 – Eżempji ta’ kunflitt ta’ interess reali, perċepit u potenzjali**



Sors: il-QEA.

**06** Barra minn hekk, ir-regoli nazzjonali jistgħu jindirizzaw ukoll kunflitti ta’ interess li jikkonċernaw lil beneficijari privati ta’ proġetti ffinanzjati mill-UE (pereżempju bejn il-beneficijari u l-fornituri tagħhom), u dan mhuwiex kopert mir-Regolament Finanzjarju. Dawn ir-regoli s-soltu għandhom l-għan li jevitaw l-inflazzjoni tal-prezzijiet, l-għoti ta’ evidenza falza biex jiġu ġġustifikati l-ispejjeż, jew iċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli ta’ eliġibbiltà<sup>5</sup>. L-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) identifika tali każijiet fi snin reċenti<sup>6</sup>.


## Kunflitti ta’ interess u ġestjoni kondiviża

**07** Madwar nofs l-infiq tal-UE huwa taħt ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni u l-Istati Membri (ara l-**Figura 3**). Dan jinkludi ż-żewġ fondi agrikoli – il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – u t-tliet fondi ta’ koeżjoni prinċipali: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċċali Ewropew (FSE) u l-Fond ta’ Koeżjoni (FK).

<sup>5</sup> Ara eż. I-OECD, Collusion and Corruption in Public Procurement, 2010.

<sup>6</sup> Ara r-rapport tal-OLAF għall-2021, p. 18 jew ir-rapport tal-OLAF għall-2020, pp. 14-15.

**Figura 3 – Infiq tal-UE taħt ġestjoni kondiviża fl-2021**



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-Kummissjoni Ewropea, il-Kontijiet Annwali tal-Unjoni Ewropea 2021.


**08** Taħt il-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà ġenerali mill-implementazzjoni tal-baġit. Il-Kummissjoni tikseb aċċertament mis-sistemi ta' kontroll intern u ta' rappurtar li hemm fis-seħħi, tipprovdi gwida u appoġġ lill-korpi ta' implementazzjoni u tal-awditjar fl-Istati Membri, twettaq awditi, u tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji jekk l-Istati Membri jonqsu milli jipproteġu l-baġit tal-UE. L-Istati Membri jridu jieħdu miżuri effettivi u proporzjonati biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-irregolaritajiet (bħall-kunflitti ta' interess) fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, inklużi dawk minħabba l-frodi, u biex jirkupraw ammonti li jkunu tħallsu indebitament.

**09** Fil-qasam tal-koeżjoni, l-awtoritajiet maniġerjali huma responsabbi mill-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, mill-għażla ta' proġetti għall-finanzjament, mit-twettiq ta' verifikazzjonijiet amministrattivi u fuq il-post, mill-awtorizzazzjoni tal-pagamenti, mill-ġbir tad-data dwar kull operazzjoni, u mill-istabbiliment ta' miżuri kontra l-frodi. L-awtoritajiet maniġerjali jistgħu jafdaw uħud mill-funzjonijiet tagħhom lil korpi intermedjarji jew delegati, li jistgħu jkunu ministeri jew korpi pubbliċi jew privati oħra. L-awtoritajiet indipendenti tal-awditjar jivverifikaw il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u l-kontrolli interni ta' programm operazzjonali.

**10** Fl-agrikoltura (ara l-*Figura 4*), l-awtoritajiet maniġerjali jimmaniġġjaw programmi tal-iżvilupp rurali ffinanzjati permezz tal-FAEŻR. L-aġenziji tal-pagamenti huma responsabbi għall-ġestjoni u l-kontroll tal-infiq mill-FAEG u l-FAEŻR. Huma jistgħu

jiddelegaw funzionijiet bħalma huwa l-immaniġġjar tal-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna jew il-verifikasi fuq il-post fuq riċevituri finali lil awtoritat jien pubbliċi jew privati oħra. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jipprovd opinijni dwar il-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali tal-aġenċija tal-pagamenti, dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll intern tagħha u dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq li għalih ikun intalab rimborż mill-Kummissjoni.

**Figura 4 – ġestjoni kondiviża fil-PAK**



Sors: il-QEA.


## Riskji ta' kunflitt ta' interessa u l-protezzjoni tal-istat tad-dritt

**11** Rapport mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)<sup>7</sup> juri kif il-kunflitti ta' interessa fil-ġestjoni kondiviża jistgħu jikkostitwixxu riskju sinifikanti tul iċ-ċiklu ta' ġestjoni ta' proġett. Matul il-fażi ta' applikazzjoni u għażla tal-proġetti, il-kollużjoni bejn l-uffiċjali pubbliċi, l-applikanti u l-partijiet terzi jistgħu jwasslu biex il-proġetti jingħataw b'mod ingħust. L-awturi ta' reat jaf ixahħemu lil uffiċjali pubbliċi u jiffalsifikaw id-dokumentazzjoni. Matul il-fażi ta' għeluq u evalwazzjoni tal-proġetti, il-kunflitti ta' interessa jaf ipperikolaw l-oġġettività tar-rapporti ta' evalwazzjoni.

<sup>7</sup> OECD, Fraud and Corruption in European Structural and Investment Funds, 2019.

**12** F'Jannar 2022, Transparency International ippubblikat l-aktar verżjoni reċenti tal-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Koruzzjoni (CPI). Dan l-indiċi jkopri t-tixħim, iżda wkoll forom oħra ta' devjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Huwa jivvaluta l-mekkaniżmi preventivi bħall-kapaċità tal-gvern li jinforza l-mekkaniżmi ta' integrità jew l-eżistenza ta' liġijiet adegwati dwar id-divulgazzjoni finanzjarja, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u l-aċċess għall-informazzjoni. B'mod ġenerali, l-UE, bħala medja, hija perċepita bħala inqas korrotta minn reġjuni oħra. Id-Danmarka, l-Iżveja u l-Finlandja huma fost dawk bl-aħjar prestazzjoni. Ir-Rumanija, l-Ungaria u l-Bulgarija jikklassifikaw l-aħħar fost il-pajjiżi tal-UE (ara l-*Figura 5*).

**Figura 5 – Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Koruzzjoni 2021 – Unjoni Ewropea**



Sors: il-QEA, ibbażat fuq Transparency International, Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Koruzzjoni 2021, 2022.

**13** F'Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament 2020/2092 li jistabbilixxi régim générali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ir-Regolament jidentifika għadd ta' sitwazzjonijiet li jaf jindikaw ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament, “in-nuqqas milli jiġi żgurat li ma jeżistux kunflitti ta’ interess” jikkostitwixxi sitwazzjoni minnhom. Meta tali ksur ikollu impatt suffiċċientement dirett fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE, jew ikun hemm riskju serju li jagħmel dan, il-Kummissjoni jeħtiġilha tipproponi mżuri xierqa. F'Marzu 2022 ġew ippubblikati [Linji gwida tal-Kummissjoni](#) dwar kif għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet<sup>8</sup>. Fis-27 ta’ April 2022, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta’ notifika lill-Ungerija, u b’hekk formalment tat bidu għall-proċedura prevista skont ir-Regolament 2092/2020 biex tiproteġi l-baġit tal-UE. Fit-18 ta’ Settembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet mżuri lill-Kunsill biex jiproteġi l-baġit tal-UE u l-interessi finanzjarji tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija<sup>9</sup>.

---

<sup>8</sup> Il-Linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar régim générali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, C(2022) 1382 final, 2.3.2022, Brussell.

<sup>9</sup> Il-Proposta għal Deċiżjoni ta’ Implantazzjoni tal-Kunsill dwar mżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, COM/2022/485 final.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

**14** L-għan tagħna kien li nivverifikaw jekk il-kunflitti ta' interessa humiex indirizzati adegwatament fil-politika agrikola komuni u fil-politika ta' koeżjoni, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni riveduta, il-każijiet reċenti u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati ewlenin bħalma huma I-Parlament Ewropew u l-pubbliku. Sabiex nagħmlu dan ivvalutajna jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri kinux:

- stabbilew qafas legali komprensiv, żviluppaw proċeduri adegwati u ħadu azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni biex jipprevienu sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessa; u kinux
- ħadu miżuri biex jidentifikaw kunflitti ta' interessa, isolvuhom u jirrappurtaw dwarhom.

**15** Aħna ffukajna fuq il-kunflitti ta' interessa fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża kif iddefinit fir-Regolament Finanzjarju u d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku, iżda koprejna wkoll kunflitti ta' interessa li jinvolvu beneficijari privati ta' nfiq tal-UE. Koprejna miżuri ffinanzjati mill-FEŻR u l-FK, l-FSE u l-FAEG kif ukoll il-FAEŻR, li jirrappreżentaw kważi 95 % tal-infiq kollu taħt il-ġestjoni kondiviża.

**16** Aħna ġbarna evidenza għall-awditjar permezz ta':

- analiżi mhux fuq il-post ta' dokumenti strateġiċi, leġiżlattivi, politiċi u ta' gwida dwar il-kunflitti ta' interessa;
- intervisti ma' rappreżentanti ta' ħames direttorati ġenerali (DG) tal-Kummissjoni<sup>10</sup> u l-OLAF, l-UPPE<sup>11</sup>, l-Ombudsman tal-UE, l-OECD, il-GRECO<sup>12</sup>, l-ufficċċu tal-etika

---

<sup>10</sup> Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DG AGRI), id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DG BUDG), id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċċali u l-Inklużjoni (DG EMPL), id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà (DG HR) u d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Regionali u Urbana (DG REGIO) tal-Kummissjoni.

<sup>11</sup> L-Uffiċċju tal-Prose�tur Pubbliku Ewropew huwa uffiċċju indipendenti tal-proseketur pubbliku tal-Unjoni Ewropea.

<sup>12</sup> Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) huwa l-korp tal-Kunsill tal-Ewropa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

tan-NU, l-eserti xjentifiċi u l-akkademiċi, il-gruppi ta' riflessjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;

- intervisti ma' rappresentanti minn 'il fuq minn 50 awtorità nazzjonali u reġjonali f'4 Stati Membri (il-Ġermanja<sup>13</sup>, I-Ungerija, Malta u r-Rumanija), li jimmaniġġaw il-fondi ta' koeżjoni u l-fondi agrikoli, u organizzazzjonijiet nongovernattivi. Aħna għażilna dawn l-erba' Stati Membri skont kriterji bħalma huma d-daqs, l-istruttura nazzjonali u reġjonali, il-kopertura ġeografika, il-materjalitā tal-għajnejha tal-UE għall-koeżjoni u l-agrikoltura, il-klassifikazzjoni f'indiċijiet tal-korruzzjoni differenti u r-rappurtar min-naħħa tal-Istati Membri dwar il-kunflitti ta' interess lill-Kummissjoni (OLAF). Barra minn hekk, ikkuntattajna lil żewġ Stati Membri oħra (I-Italja u l-Lussemburgu) rigward każijiet individwali ta' kunflitt ta' interess identifikati mill-media u inkludejna eżempji rilevanti miċ-Ċekja li jirriżultaw mill-ħidma fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna;
- stħarriġ li għamilna tal-Istati Membri kollha tal-UE biex niġbru informazzjoni u opinjonijiet li jikkomplementaw ix-xogħol tal-awditjar tagħna fil-kampjun li ħadna tal-Istati Membri. Aħna indirizzajna l-istħarriġ lill-korpi ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, b'mod partikolari l-awtoritajiet maniġerjali, l-aġenziji tal-pagamenti, l-awtoritajiet tal-awditjar, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni. Ksibna rata ta' rispons ta' 'I fuq minn 90 %.

**17** F'Diċembru 2021 organizzajna panel ta' diskussjoni dwar il-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża ma' esperti mill-oqsma tax-xjenza, il-politika u l-amministrazzjoni. Il-panel għenna nivverifikaw u niżviluppaw is-sejbiet tal-awditjar tagħna.

---

<sup>13</sup> Iffukati primarjament fuq ir-reġjuni tal-Bavarja u Saarland.

# Osservazzjonijiet

## Il-miżuri għat-titjib tat-trasparenza u għall-protezzjoni tal-informaturi għadhom mhumiex fis-seħħi

**18** Ikun tajjeb li l-awtoritatiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża jkollhom politika b'saħħitha dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, abbażi ta' qafas legali, strategi u proċeduri ċari u komprensivi, kif ukoll ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni rikorrenti. L-aċċess trasparenti għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE u l-protezzjoni tal-informaturi wkoll jgħinu fil-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess.

**19** Bil-għan li l-kunflitti ta' interess jiġu impediti internament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika r-riskji relatati, toħloq sensibilizzazzjoni dwar il-problema u tipprovdi taħriġ rilevanti lill-persunal. Billi l-Kummissjoni, fl-aħħar mill-aħħar, hija responsabbi għall-baġit tal-UE, jenħtieġ li hija tivverifika li s-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri li jindirizzaw ir-riskju ta' kunflitt ta' interess qed jaħdmu b'mod effettiv u tipprovdi gwida lill-awtoritatiet rilevanti.

## Il-Kummissjoni toffri taħriġ komprensiv u tirrikjedi dikjarazzjonijiet obbligatorji, iżda hemm xi dgħufijiet fil-proċeduri tagħha f'dak li jikkonċerna r-revolving doors

**20** Għal skopijiet interni, il-Kummissjoni tindirizza l-kunflitti ta' interess bħala parti mill-qafas tagħha dwar l-etika u l-integrità, li huwa kopert primarjament mir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE<sup>14</sup>, id-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tagħhom<sup>15</sup>, kif ukoll il-kodiċijiet tal-etika u l-gwidi tal-etika tagħhom. Ir-regoli tal-Kummissjoni jirrikjedu li l-persunal jippreżenta dikjarazzjonijiet *ad hoc* dwar il-kunflitti ta' interess li jistgħu jxekklu l-imparzjalità tagħhom. Ir-regoli jirregolaw l-aċċettazzjoni ta' rigali, ospitalità u favuri, id-dikjarazzjoni ta' attivitajiet professjonal li jitwettqu mill-konjuġi jew is-ħab tal-membri tal-persunal, u r-rekwiżit li tintalab awtorizzazzjoni minn qabel

---

<sup>14</sup> Ir-Regolament tal-Persunal tal-UE.

<sup>15</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2018 dwar attivitajiet u kompeti esterni u dwar attivitajiet okkupazzjonali wara t-tluq mis-servizz, C(2018) 4048 final, 29.6.2018, Brussell.

għal kwalunkwe attivită esterna u li jiġu ddikjarati l-attivitajiet li jsiru wara l-impjieg. Il-proċeduri ta' implementazzjoni jvarjaw minn DĠ għal ieħor.

**21** Il-membri tal-persunal tal-Kummissjoni iridu jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar kunflitti ta' interess possibbli f'diversi mumenti tal-ħajja professjonal tagħhom: mad-dħul tagħhom fis-servizz, jekk isiru involuti fi proċedura ta' akkwist pubbliku, kif ukoll meta jitilqu mill-istituzzjoni tagħhom u meta jiġu lura mil-liv fuq raġunijiet personali. Fid-DĠ għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u fid-DĠ tal-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL), l-awdituri jippreżentaw dikjarazzjonijiet qabel kull assenjament ta' awditjar, filwaqt li awdituri fid-DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) iridu jirrapportaw sitwazzjonijiet li fihom jaf isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.

**22** Il-Kummissjoni ħarġet gwida interna<sup>16</sup>, u għandha politika komprensiva għat-taħriġ dwar l-etika, kif ukoll paġna ddedikata fl-intranet tagħha. Jenħtieġ li l-membri tal-persunal li jemmnu li jaf jinsabu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess jinfurmaw minnufih lill-entità organizzativa responsabbi mill-ħatra tagħhom ("awtorità tal-ħatra"), u jingħataw parir li jinfurmaw ukoll lis-superjur ġerarkiku tagħhom. L-awtorità tal-ħatra hija responsabbi mill-prevenzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-persunal jinħażnu fl-applikazzjoni tar-riżorsi umani tal-Kummissjoni. Il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-immaniġġjar ta' funzjonijiet sensittivi tiffoka fuq il-ġestjoni tar-riskji ta' kontroll intern b'mod aktar effettiv u proattiv. Dan jinkludi t-tfassil mill-ġdid tal-proċessi, l-introduzzjoni ta' kontrolli interni msaħħha, miżuri ta' sensibilizzazzjoni jew kombinament ta' dawn ta' hawn fuq. Il-gwida tagħti l-parir li ssir rotazzjoni obbligatorja tal-persunal f'funzjonijiet sensittivi bħala l-aħħar alternattiva.

**23** Mill-2013 'il hawn, l-Ombudsman Ewropew, li huwa korp indipendenti u imparzjali li jinvestiga lmenti dwar amministrazzjoni ħażina min-naħħa tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, ittratta madwar 70 każ li jikkonċernaw kunflitti ta' interess fl-istituzzjonijiet tal-UE. Il-biċċa l-kbira minn dawn (44 każ) kienu jikkonċernaw kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, inkluża l-problema tar-“revolving doors”, li fiha persuna tiċċaqlaq minn rwol ta' uffiċjal pubbliku għal wieħed relatat fis-settur privat. Fl-2019, l-Ombudsman ikkonkludiet li, filwaqt li l-prattiki tal-Kummissjoni kkonformaw mar-regoli, jista' jsir aktar biex dawk ir-regoli jsiru aktar effettivi u aktar sinifikanti. L-

---

<sup>16</sup> Il-Gwida dwar l-evilta tal-kunflitti ta' interess u l-ġestjoni tagħhom skont ir-Regolament Finanzjarju, (2021/C 121/01).

Ombudsman irrakkomandat li I-Kummissjoni tieħu approċċ aktar robust meta tittratta każijiet li jinvolvu uffiċjali għoljin<sup>17</sup>.

**24** Aktar reċentement, I-Ombudsman eżaminat 100 deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttieħdu bejn I-2019 u I-2021 rigward ċaqliq li jinvolvi “revolving door” min-naħħa tal-membri tal-persunal tagħha<sup>18</sup>. Mindu għamlet I-aħħar inkjestha tagħha din sabet li kien sar titjib iżda għamlet ukoll diversi suġġerimenti. Wieħed minn dawn kien li I-Kummissjoni tipprobixxi temporanjament lil dawk kollha li kien uffiċjali milli jaċċettaw impjieg iekk kien jikkostitwixx riskju li ma jkunx jista’ jiġi mmitigat permezz ta’ restrizzjonijiet immonitorjati u infurzati sew<sup>19</sup>.

### **Il-Kummissjoni ssib dgħufijiet fil-proċeduri ta’ prevenzjoni tal-Istati Membri u tiprovdni gwida utli**

**25** Il-Kummissjoni tindirizza r-riskju ta’ kunflitt ta’ interess fil-qasam tal-ġestjoni kondiżiża fl-Istati Membri prinċipalment permezz ta’ awditi tas-sistemi li hija twettaq tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, u billi tiprovdni gwida. L-awditi tas-sistemi huma maħsuba biex jiksbu assigurazzjoni li s-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri huma effettivi fil-prevenzjoni, I-identifikazzjoni u I-korrezzjoni tal-iżbalji u l-irregolaritajiet, inklużi dawk marbuta mal-kunflitti ta’ interess. Barra minn hekk, fil-qasam tal-koeżjoni, minn tmiem I-2021 ’il hawn, il-Kummissjoni wettqet diversi awditi tematiki tal-miżuri meħuda taħt programmi speċifiċi jew fi Stati Membri speċifiċi biex jevitaw il-kunflitti ta’ interess.

**26** Aħna rrieżaminajna kampjun tal-fajls tal-awditi tas-sistemi tal-Kummissjoni, 10 fil-qasam tal-koeżjoni u 10 fil-qasam tal-agrikoltura. L-10 awditi fil-qasam tal-koeżjoni vvalutaw is-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll għall-akkwist pubbliku, u inkludew sejbiet speċifiċi dwar in-nuqqas ta’ evidenza ta’ verifikasi dwar il-kunflitti ta’ interess (ara I-Kaxxa 1).

---

<sup>17</sup> Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni Ewropea timmaniġġja r-“revolving doors”.

<sup>18</sup> Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman: sitwazzjonijiet li jinvolvu “revolving doors”.

<sup>19</sup> Stqarrija għall-istampa tal-Ombudsman Ewropew Nru 3/2022: EU administration at critical point in treatment of “revolving doors”, it-18 ta’ Mejju 2022.

## Kaxxa 1

### Dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku fl-Ungerija

Fl-2019, il-Kummissjoni identifikat defiċjenzi serji fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll fl-Ungerija b'rabta mal-kontrolli fuq il-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni applikat korrezzjoni b'rata fissa ta' 10 % għall-kuntratti kollha affettwati.

Sors: il-Kummissjoni.

**27** Mill-10 fajls tal-awditjar dwar l-agrikoltura li rrieżaminajna, 4 minnhom ikkonċernaw l-akkreditazzjoni tal-aġenzi tal-pagamenti, filwaqt li 6 kkonċernaw l-investimenti għall-iżvilupp rurali minn beneficijari pubbliċi. Prinċipalment is-sejbiet ikkonċernaw in-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku, bħal dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessa nieqsa jew mingħajr data, jew listi ta' kontroll tal-aġenzi tal-pagamenti li ma jkollhomx dettalji suffiċjenti. Sibna li, parti l-verifikasi tas-sistema fuq il-kriterji ta' akkreditazzjoni tal-aġenzi tal-pagamenti, l-awditi tad-DG AGRI ma koprewx speċifikament il-miżuri għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interessa fil-qasam tal-pagamenti diretti sal-2021, għalkemm il-kunflitti ta' interessa jistgħu jokkorru fil-ġestjoni tal-pagamenti diretti (ara l-eżempji fil-**Kaxxa 2** hawn taħt).

## Kaxxa 2

### Kunflitti ta' interessa fil-pagamenti diretti

Fil-Lussemburgo, impjegat tal-Ministeru għall-Agrikoltura b'aċċess għal *data* kunfidenzjali dwar biċċiet raba' li ħadd ma kien talab appoġġ għalihom qasam din l-informazzjoni ma' martu, li hija bidwija. Martu mbagħad talbet appoġġ għal din l-art. L-impjegat, li ma kienx żvela dan il-kunflitt ta' interessa lis-superjur ġerarkiku tiegħi, ingħata sentenza ta' ħabs għal sentejn, bi 18-il xahar probation.

Fir-Rumanija, uffiċjal fl-aġenzija tal-pagamenti responsabbi għall-pagamenti diretti approva applikazzjonijiet għall-ġħajnejha għal kumpanija li fiha kien azzjonist. L-Aġenzija Nazzjonali Rumena għall-Integrità kkonfermat li dan ikkostitwixxa kunflitt ta' interessa u talbet lill-aġenzija tal-pagamenti tieħu miżuri xierqa. Wara proċedimenti dixxiplinari, l-uffiċjal ġie sanzjonat permezz ta' tnaqqis fis-salarju ta' tliet xħur.

Sors: il-QEA.

**28** F'April 2021, il-Kummissjoni ppubblikat *gwida* ġidida dwar il-kunflitti ta' interessa li kopriet il-modi ta' ġestjoni kollha. Il-linji gwida preċedenti li koprew speċifikament il-

kunflitti ta' interessa, imħejji ja f'konsultazzjoni mal-esperi mill-Istati Membri, imorru lura għall-2015 fil-qasam tal-**agrikoltura**, u għall-2013 fil-qasam tal-**koeżjoni**<sup>20</sup> Iċ-Ċentru tal-**Għarfien ta' Kontra I-Frodi** tal-Kummissjoni ppubblika gwida dwar l-identifikazzjoni, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-kunflitti ta' interess taħt il-FEŻR u l-FSE. Is-sit web tagħhom jinkludi **librerija ta' studji tal-każ**, b'każijiet anonimizzati ta' identifikazzjoni tal-frodi u t-tagħlimiet meħħuda. Fl-2011, l-OLAF ippubblika wkoll **kompendju** ta' darba rigward każijiet anonimizzati ta' identifikazzjoni tal-frodi u t-tagħlimiet meħħuda, li jinkludi kapitolu dwar il-każijiet ta' kunflitt ta' interess.

### **L-Istati Membri għandhom qafas biex jipprevieno l-kunflitti ta' interess, iżda dan ma nbidilx mindu ġiet adottata d-definizzjoni l-ġdida tal-UE**

**29** L-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju, dwar il-kunflitti ta' interess, huwa direttament applikabbi fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-Istati Membri u r-reġjuni kollha fil-kampjun tagħna għandhom definizzjonijiet jew deskrizzjonijiet tal-kunflitti ta' interess u regoli nazzjonali jew reġjonali għall-uffiċjali pubbliċi u l-membri tal-gvern. Fl-Istati Membri li eżaminajna, sibna li dawn ir-regoli nazzjonali jew reġjonali huma mifruxa f'għadd kbir ta' ligħejiet amministrattivi u kriminali, u dan jirriżulta f'qafas legali frammentat ħafna li s-soltu jkollu kamp ta' applikazzjoni inqas dettaljat mill-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju.

**30** Pereżempju, fil-Ġermanja, ir-regoli ma jinkludux espliċitament sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li jirriżultaw mill-“affinità politika” jew il-“ħajja emozzjonali”. Fl-erba' Stati Membri kollha fil-kampjun tagħna, ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess jagħmlu parti mill-qafas kumplessiv dwar l-etika, l-integrità u l-azzjoni kontra l-frodi applikabbi għall-impiegati taċ-ċivil kollha. Aħna sibna li ma kien hemm l-ebda tibdil sinifikanti fir-regoli u l-proċeduri tal-Istati Membri kkampjunati li jirregolaw il-fondi tal-UE mindu ġiet introdotta l-ġestjoni kondiżiża fir-Regolament Finanzjarju fl-2018.

### **L-Istati Membri għandhom proċeduri biex jimmaniġġjaw il-kunflitti ta' interess, iżda fadal ċerti dgħufijiet**

**31** Fil-qasam agrikolu, il-kriterji ta' akkreditazzjoni jirrikjedu li l-aġenzi jiġi tal-pagamenti jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni mill-kampjun tagħna ta' Stati Membri u reġjuni ma rrappurtaw l-ebda

---

<sup>20</sup> Il-portal tal-Kummissjoni Ewropea għall-azzjoni Kontra I-Frodi.

dgħufija sistematika li tikkonċerna tali mżuri fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

**32** Fil-qasam tal-koeżjoni, qabel ma bdew il-programmi tal-perjodu 2014-2020, l-awtoritajiet maniġerjali kellhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju dwar l-impatt u l-probabbiltà ta' frodi b'rabta mal-proċessi ewlenin ta' ġestjoni tal-programmi, u jistabbilixxu mżuri adegwati biex jimmitigaw dawk ir-riskji. L-istabbiliment tal-mżuri kontra l-frodi kellu jiġi vverifikat minn korp tal-awditjar indipendenti bħala parti mill-proċess ta' deżinjazzjoni għall-awtoritajiet maniġerjali. L-implementazzjoni ta' dawk il-mżuri kontra l-frodi kienet suġġetta għal għadd ta' awditi sussegwenti kemm mill-Kummissjoni, kif ukoll mill-Istati Membri.

**33** L-aktar mżura preventiva komuni użata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li eżaminajna hija l-awtodikjarazzjonijiet ta' interess. Dawn ġeneralment jimtlew fil-fażi ta' reklutaġġ u qabel ma jittieħdu passi importanti fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE (l-għoti ta' sussidji, akkwist pubbliku, kontrolli u awditi), iżda ma jimtlewx minn ministri jew segretarji tal-Istat, li jħejju u jieħdu deċiżjonijiet dwar programmi tal-UE. Ir-Rumanija hija l-uniku Stat Membru fil-kampjun tagħna li jiġbor u jippubblika dikjarazzjonijiet annwali ta' ġid u interassi mill-impiegati taċ-ċivil kollha. Madankollu, l-aġenċija ma tanalizzax jew ma tivverifikax il-kontenut ta' dawn id-dikjarazzjonijiet sakemm ma tinbediex investigazzjoni.

**34** F'Malta, l-Ungerija u r-Rumanija, il-ministri tal-gvern iridu jipprovdu dikjarazzjonijiet regolari tal-introjtu u tal-assi. Dan mhuwiex il-każ fil-Ġermanja, la fil-livell federali u lanqas fil-livell reġjonali. Il-ministri huma meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjonijiet biss jekk ikunu wkoll membri tal-parlament, u dawn jinkludu inqas elementi minn dawk osservati fi Stati Membri oħra fil-kampjun tagħna.

**35** Skont l-Artikolu 61(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-uffiċjali pubbliċi fl-Istati Membri jridu jiddikjaraw sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu kunflitti ta' interess lis-superjur ġerarkiku tagħhom, u jekk il-kunflitt ta' interess jiġi kkonfermat, iwaqqfu kull attivitā fil-kwistjoni. Mill-awtoritajiet li intervistajna tgħallimna li tali dikjarazzjonijiet jinġabru f'forma stampata, jinħażnu mid-dipartiment tar-riżorsi umani u jistgħu jintużaw f'każ li aktar tard isiru allegazzjonijiet dwar kunflitti ta' interess. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali s-soltu ma jirreġistrawx dawn id-dikjarazzjonijiet f'bażi ta' *data ċentrali*, ħlief ir-Rumanija u l-aġenċija tal-pagamenti għall-fondi agrikoli fl-Ungerija.

**36** L-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-kampjun tagħna qiesu li l-mżuri ta' taħriġ u ta' informazzjoni dwar l-evitar tal-kunflitti ta' interess huma importanti. B'mod ġenerali, sibna li dawn ipprovdex taħriġ rilevanti dwar l-etika u l-ġlieda kontra l-koruzzjoni u l-

frodi. Il-kunflitti ta' interess huma ġeneralment koperti bħala parti mit-taħriġ dwar il-frodi, għad li spiss bħala komponent marġinali.

**37** L-awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu wkoll azzjonijiet relatati mas-sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-persunal involuti fl-immaniġġjar tal-fondi tal-UE. Sibna eżempji ta' prattika tajba f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni (ara pereżempju fil-Kaxxa 3).

### Kaxxa 3

#### Attivitajiet biex tinħoloq sensibilizzazzjoni internament dwar ir-riskju tal-kunflitt ta' interess fl-entitajiet pubbliċi

Fir-Rumanija, permezz tal-proġett [LINC](#), I-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità, flimkien ma' Transparency International, organizzat sessjonijiet ta' informazzjoni fil-ministeri, fl-awtoritajiet maniġerjali u fil-korruzzjoni. L-aġenzija żviluppat [gwidi](#) dwar kif għandhom jiġu ddikjarati l-interessi u l-assi, kif ukoll kompendju ta' każijiet ta' kunflitt ta' interess. L-awtoritajiet maniġerjali u l-aġenziji fir-Rumanija jipprovdu sessjonijiet ta' taħriġ annwali dwar kif għandhom jimtlew dawn id-dikjarazzjonijiet.

Fil-Ġermanja, żewġ awtoritajiet maniġerjali organizzaw sessjonijiet ta' taħriġ konġunti għal kontra l-korruzzjoni bil-għan li jaqsmu l-esperjenza tagħhom ma' xulxin. Reġjun ieħor joffri lill-membri kollha tal-persunal tas-settur pubbliku korsijiet dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess permezz ta' pjattaforma ta' apprendiment online.

Sors: il-QEA.

**38** L-awtoritajiet Ġermaniżi jippubblikaw [rapporti annwali](#) dwar il-korruzzjoni u l-integrità fejn jindikaw il-livell kumplessiv ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku fil-livell federali. Ir-rapporti jinkludu statistika dwar reati kriminali relatati u eżempji anonimizzati ta' każijiet ta' korruzzjoni, inklużi l-kunflitti ta' interess. Ir-rapport ma jagħti l-ebda informazzjoni dwar il-korruzzjoni fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE, u ma hemmx rapporti komparabbi disponibbli fil-livell reġjonali, fejn jiġu mmaniġġjati l-biċċa mill-programmi tal-UE fl-oqsma tal-koeżjoni u tal-agrikoltura.

**39** Fir-Rumanija, I-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità tippubblika [rapporti annwali u trimestrali tal-attività fis-sit web tagħha](#), fejn tippreżenta informazzjoni bħall-għadd ta' każijiet ta' kunflitt ta' interess ikkonfermati mill-qrati, l-għadd ta' impjegati taċ-ċivil li jkunu ġew sanzjonati, il-pożizzjoni tagħhom u l-istituzzjoni li jaħdmu għaliha, u t-tipi ta'

sanzjoni imposti. Dawn ir-rapporti, għad li ddettaljati ħafna, jippreżentaw biss il-każijiet investigati mill-ispetturi tal-aġenzija.

#### **40** L-awtoritajiet tal-Istati Membri applikaw ukoll miżuri preventivi oħra:

- id-diviżjoni funzjonali tal-komپiti (segregazzjoni tad-dmirijiet);
- l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn;
- verifikasi kemm matul il-fażi ta' applikazzjoni kif ukoll matul dik ta' implementazzjoni ta' proġett;
- verifikasi, inklużi dawk mill-awditure interni jew, fil-każ tal-awtoritajiet subordinati/lokali, mill-awtorità ta' livell ogħla;
- awditi mill-korp taċ-ċertifikazzjoni/awtorità tal-awditjar, mill-istituzzjonijiet nazzjonali jew regionali tal-awditjar, mill-Kummissjoni u mill-QEA;
- ir-rotazzjoni tal-persunal fejn possibbli, jew il-bdil tar-responsabbiltajiet.

**41** Ir-rotazzjoni tal-persunal hija għoddha importanti biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interress. Madankollu, l-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni kondiviża fl-Istati Membri kkampjunati ma applikawx ir-rotazzjoni tal-persunal b'mod regolari u konsistenti. Fil-Ġermanja, kien hemm enfasi akbar fuq is-segregazzjoni tad-dmirijiet u l-prinċipju ta' erba' għajnejn aħjar minn tnejn. F'Malta, ma kienx hemm biżżejjed membri tal-persunal b'esperjenza u mħarrġa biex tkun effettiva r-rotazzjoni. Fir-Rumanija, l-impiegati taċ-ċivil li jaħdmu għall-unità li tagħżel u tevalwa l-proġetti għall-finanzjament taħt il-qasam tal-koeżjoni ma kinux suġġetti għar-rotazzjoni minħabba l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għal dan ix-xogħol.

**42** Il-politiki dwar ir-“revolving doors” (ara l-paragrafu **23**) jistgħu jgħinu wkoll fil-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interress. Id-dispożizzjonijiet legali maħsuba biex jillimitaw dan ir-riskju jeżistu fi tliet Stati Membri mill-erbgħa li eżaminajna, bl-eċċeżżjoni tal-Ungaria. Madankollu, fir-Rumanija u l-Ġermanja, il-korpi involuti fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE ma jivverifikawx jekk dawk il-membri tal-persunal li jitilqu mill-organizzazzjoni jsegwux ir-regoli ta' wara l-impieg. F'Malta, in-nies li jkollhom pożizzjoni li tinvolvi funzjonijiet regolatorji jew ta' spettorat huma suġġetti għad-direttiva dwar il-politika tar-revolving doors għall-impiegati mas-settur pubbliku. Madankollu, l-anness tad-direttiva ma jelenkax l-impiegati tal-awtoritajiet li awditajna bħala nies li jwettqu tali funzjonijiet, u dan ifisser li mhumiex suġġetti għad-direttiva. Awditu intern li sar fl-2021 mill-awtoritajiet maniġerjali Rumeni għall-fondi strutturali wkoll sab dgħufijiet fil-miżuri għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interress u r-revolving doors.

## Għaddejjin sforzi biex tiżdied it-trasparenza dwar il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-UE

**43** Informazzjoni miftuħa, komparabbli u trasparenti dwar il-benefiċjarji finali tal-finanzjament mill-UE tiffaċilita l-iskrutinju pubbliku u l-investigazzjoni f'każ ta' kunflitti ta' interess suspettati. Dan iżid il-probabbiltà li jiġi identifikat kunflitt ta' interess u għaldaqstant jaf ikollu effett preventiv u ta' deterrent.

**44** Is-siti web tad-DG tal-Kummissjoni involuti fil-ġestjoni kondiviża jinkludu links għal siti web nazzjonali u reġjonali li jelenkaw il-benefiċjarji ta' finanzjament mill-UE fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-koeżjoni<sup>21</sup>. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-pjattaforma online, Cohesio, b'informazzjoni dwar il-proġetti ffinanzjati mill-fond ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha. Madankollu, id-data ppubblikata għal skopijiet ta' trasparenza hija limitata, min-naħħa sabiex tevita li tikser ir-regolamenti tal-UE u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data. Pereżempju, l-identità tal-benefiċjarji tal-PAK li jirċievu sa €1 250 ma tiġix żvelata<sup>22</sup>. Is-siti web ma fihom l-ebda informazzjoni dwar riċevituri finali li jkunu persuni ġuridiċi, billi ma kinitx rikjesta mil-leġiżlazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

**45** Studju reċenti kkummissjonat mill-Parlament Ewropew irrapporta li l-korpi pubbliċi, il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata u persuni ġuridiċi oħra kienu jirrappreżentaw madwar 1 minn kull 10 tal-benefiċjarji tal-PAK iżda xorta rċevew aktar minn terz tal-fondi tal-UE<sup>23</sup>. Fil-qasam tal-koeżjoni, l-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji finali ta' kumpaniji li jirċievu finanzjament mill-UE hija obbligatorja fil-perjodu ta' programmazzjoni wara l-2014-2020<sup>24</sup>. Il-qafas legali għall-agrikoltura għall-perjodu 2023-2027 jirrikjedi li l-benefiċjarji jipprovd informazzjoni dwar il-gruppi ta' impriżi li jipparteċipaw fihom<sup>25</sup>, fejn applikabbli. Madankollu, ma jirrikjed ix-l-identifikazzjoni tas-sidien benefiċjarji finali.

---

<sup>21</sup> Għall-koeżjoni ara s-Sit Web tal-Kummissjoni “[Benefiċjarji tal-Politika ta' Koeżjoni tal-Unjoni Ewropea](#)” u għall-agrikoltura ara s-Sit Web tal-Kummissjoni “[Beneficiaries of CAP funds](#)”.

<sup>22</sup> Skont l-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru [1306/2013](#).

<sup>23</sup> Studju għall-Parlament Ewropew, il-Kumitat CONT: [The largest 50 beneficiaries in each EU Member State of CAP and Cohesion Funds](#), 2021.

<sup>24</sup> L-Artikolu 69(2) tar-Regolament (UE) [2021/1060](#).

<sup>25</sup> L-Artikolu 59(4) tar-Regolament (UE) [2021/2116](#).

**46** FI-2017, id-Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus introduċiet reġistri ta' sidien beneficijarji. Transparency International enfasizzat li r-reġistri fl-Ungerija u r-Rumanija mhumiex pubbliċi, filwaqt li dawk fil-Ġermanja u Malta jirrikjedu ħlas ta' tariffa għall-aċċess. L-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni kondiviża inklużi fil-kampjun tagħna ta' Stati Membri ma għandhomx il-bażijiet ta' *data* tagħhom propriji interkonnessi ma' dawn ir-reġistri, u dan iżid ir-riskju li l-kunflitti ta' interess jibqgħu ma jiġux identifikati. Madankollu, tali żieda fit-trasparenza jeħtieġ li tirrispetta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ta' Novembru 2022 dwar l-aċċess għad-data dwar is-sjeda beneficijara.

### Dewmien fit-traspożżjoni tad-direttiva dwar il-protezzjoni tal-informaturi

**47** L-iżvelar ta' informazzjoni protetta hija meta persuna tiżvela informazzjoni li hija tkun kisbet fil-kuntest tax-xogħol tagħha għal organizzazzjoni jew ma' organizzazzjoni rigward korruzzjoni jew għemil ħażin ieħor li jkun sar f'dik l-organizzazzjoni jew mill-istess organizzazzjoni. Persuna tikkwalifika biss bħala informantur jekk hija tkun parti minn dik l-organizzazzjoni u għaldaqstant jaf issofri ritaljazzjoni– għall-kuntrarju, pereżempju, ta' klijenti jew nies oħra li ma jaħdmux għall-organizzazzjoni jew magħha. Il-miżuri biex jiġu protetti l-informaturi jistgħu jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-korruzzjoni u l-frodi. L-Istati Membri kellhom sa Diċembru 2021 biex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Informaturi li jikkonċernaw il-protezzjoni ta' nies li jirrappurtaw ksur tad-dritt tal-UE, inklużi kunflitti ta' interess li jaffettaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

**48** Fil-bidu tal-2022, il-Kummissjoni bagħtiet ittri ta' intimazzjoni lil 24 Stat Membru li ma kinux innotifikaw il-miżuri biex jiġuraw it-traspożżjoni kompleta tad-Direttiva sad-data ta' skadenza tas-17 ta' Diċembru 2021. Minn Mejju 2022, tmien Stati Membri biss kienu inkorporaw id-direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom<sup>26</sup>. Il-Kummissjoni qed tagħti segwitu għall-każijiet li fadal. Mill-Istati Membri li rrieżaminajna, Malta biss ittrasponiet id-Direttiva, iżda l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa osservat difetti serji fl-Att ta' Malta dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi<sup>27</sup>.

<sup>26</sup> Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall u l-Iż-zevja.

<sup>27</sup> Agence Europe: “Parliamentary Assembly of Council of Europe considers that Malta’s Whistleblower Protection Act does not meet its objective”, I-20 ta’ Diċembru 2021.

## Lakuni fil-miżuri biex jiġu identifikati, jiġu solvuti u jsir rappurtar dwar il-kunflitti ta' interess

**49** Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkollhom proċeduri stabbili biex jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li jinvolvu l-membri tal-persunal tagħhom. Taħt il-ġestjoni kondiviża, l-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbi primarjament biex jidentifikaw u jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fil-livell tal-benefiċjarji. Il-Kummissjoni jaf tidentifika wkoll kunflitti ta' interess fl-Istati Membri hija u tivverifika l-operat tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali. L-estrazzjoni ta' *data*, permezz tat-tqabbil ta' informazzjoni minn sorsi differenti, għandha l-potenzjal li tgħin fl-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess possibbi.

**50** Ladarba jinqabdu l-irregolaritajiet li jinvolvu kunflitti ta' interess, jenħtieġ li dawn jiġu trattati kif xieraq u solvuti. Bil-ġhan li r-riskji assoċjati jiġu mmonitorjati aħjar, huwa essenzjali li tinġabar informazzjoni affidabbli dwar il-kunflitti ta' interess li jkunu nqabdu.

## Il-Kummissjoni tiffoka fuq każijiet suspectati li jkunu ġew irrappurtati

**51** L-Uffiċċju ta' Investigazzjoni u ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC) imexxi inkjesti amministrattivi u proċedimenti dixxiplinari li jikkonċernaw lil membri tal-persunal tal-Kummissjoni. L-IDOC iwettaq inkesta abbażi tal-mandat li jirċievi mill-awtorità tal-ħatra meta lil din jaslulha allegazzjonijiet minn informatur jew sors ieħor. L-eżattezza, l-affidabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni pprovduta lill-awtorità tal-ħatra tibqa' r-responsabbiltà individuali ta' kull membru tal-persunal.

**52** Id-DG inklużi fil-kampjun tagħna li huma responsabbi mill-oqsma ta' politika taħt il-ġestjoni kondiviża wkoll ma jivverifikawx l-informazzjoni pprovduta fl-awtodikjarazzjonijiet tal-persunal (ara l-paragrafu 22) sakemm ma jkunx hemm raġuni biex jitwemmen li jaf tkun iġġustifikata investigazzjoni. Fl-2020, skont ir-*rapport tal-attività tal-IDOC*<sup>28</sup>, 3 każijiet minn 83 każ li kienu għadhom kemm ġew irregjistrati kienu jikkonċernaw kunflitti ta' interess fi ħdan il-Kummissjoni.

---

<sup>28</sup> Ir-Rapport tal-Attività tal-Uffiċċju ta' Investigazzjoni u ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC), 2020.

**53** L-OLAF ukoll jista' jinvestiga reati serji possibbli mwettqa minn membri tal-persunal tal-UE b'rabta mal-attivitajiet professjonali tagħhom u jagħmel rakkomandazzjonijiet dixxiplinari. Fir-rapport annwali tiegħu għall-2020<sup>29</sup>, l-OLAF ippubblika stampa ta' rakkomandazzjonijiet dixxiplinari li saru bejn l-2016 u l-2020. F'21 każ dawn ikkonċernaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess potenzjali.

**54** Minn żmien għal żmien, il-Kummissjoni tidentifika l-kunflitti ta' interess matul l-awditi tas-sistemi ġenerali tagħha fl-Istati Membri. Il-kampjun ta' 20 awditu tas-sistemi tal-Kummissjoni li rrieżaminajna (ara l-paragrafi **26** u **27**) kien jinkludi każ wieħed fejn id-DG AGRI kien sab kunflitt ta' interess min-naħħa tal-persunal ta' korp delegat fi Spanja u applika korrezzjoni finanzjarja.

**55** Id-DG responsabbli għal oqsma ta' politika speċifiċi (bħad-DG REGIO u d-DG AGRI) ukoll jagħtu segwit u għal allegazzjonijiet minn informaturi jew mill-media, bħalma ġara fil-każ tal-eks Prim Ministru taċ-Ċekja, ara l-**Kaxxa 4**.

---

<sup>29</sup> Ir-Rapport Annwali tal-OLAF, 2020.

## Kaxxa 4

### Allegati kunflitti ta' interess fiċ-Ċekja

Xi NGOs u l-media għamlu allegazzjonijiet kontra dak li dak iż-żmien kien il-Prim Ministru taċ-Ċekja minħabba kunflitt ta' interess li jikkonċerna kumpaniji taħt il-kontroll tiegħu u l-status tagħhom bħala benefiċjarji tal-għajnejha mill-UE fil-oqsma tal-agrikoltura u tal-koeżjoni. Il-Kummissjoni (id-DG AGRI, EMPL u REGIO) wettqet awditu kkoordinat fil-bidu tal-2019. Id-DG EMPL u d-DG REGIO ħarġu r-rapport finali tal-awditjar f'Diċembru 2019. Matul l-2020 u l-2021, id-DG EMPL u d-DG REGIO mmonitorjaw l-implementazzjoni tal-konklużjonijiet u rrakkmandazzjonijiet tal-awditjar tagħhom min-naħħa tal-awtoritajiet Ċeki. Fid-dawl tal-interess pubbliku u t-talba mingħand il-Parlament Ewropew, ir-rapport finali tal-awditjar ġie ppubblikat fl-24 ta' April 2021. Fir-rapport annwali tal-attività tiegħu għall-2021, id-DG REGIO informa lill-pubbliku li kien sar progress fuq il-biċċa l-kbira mir-rakkmandazzjonijiet iż-żda tlieta minnhom kienu għadhom qed jiġu implementati, inkluża r-rakkmandazzjoni li tikkonċerna l-allegat kunflitt ta' interess. F'Lulju 2022, id-DG EMPL u d-DG REGIO għalqu s-segwitu li kienu taw għal dan l-awditu wara l-implementazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet pendent kollha.

Id-DG AGRI awditja l-miżuri ta' investiment tal-FAEŻR ikkonċernati. Huwa għamel riżerva għall-aġenzija tal-pagamenti Ċeka b'rabta mal-programm tal-iżvilupp rurali, kif iddeksriva fir-rapport annwali tal-attività tiegħu għall-2021. Ir-riżerva rriżultat fi pjan ta' azzjoni li talab lill-awtoritajiet Ċeki jieħdu azzjoni ta' rimedju, li tinsab għaddejja bħalissa. L-awditu wassal għad-deċiżjoni li fuq iċ-Ċekja jiġu imposti korrezzjonijiet finanzjarji.

Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

**56** Barra minn hekk, l-OLAF għandu s-setgħa li jinvestiga l-każijiet potenzjali ta' frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, inklużi l-kunflitti ta' interess, jekk ikun hemm raġunijiet suffiċċenti biex iqum suspect. L-investigazzjonijiet tal-OLAF jistgħu jikkonkludu b'rakkmandazzjonijiet lid-DG biex jirkupraw ammonti minfuqa irregolarment, u dan jista' jgħaddi l-każijiet lill-korpi ta' prosekuzzjoni nazzjonali jew lill-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew (UPPE).

**57** L-OLAF għalaq 10 każijiet mill-aħħar 3 perjodi ta' programmazzjoni li involvew proġetti marbuta mal-PAK b'komponent ta' kunflitt ta' interess (5 li involvew finanzjament ta' qabel l-adeżjoni, 1 mill-perjodu 2000-2006, 3 mill-perjodu 2007-2013 u 1 mill-perjodu 2014-2020). L-OLAF irrakkomanda li d-DG AGRI jirkupra total ta' EUR 20 347 891 mill-Istati Membri kkonċernati.

**58** Fil-qasam tal-koeżjoni, bejn l-2000 u l-2021, l-OLAF għalaq 18-il każ ta' kunflitt ta' interess li kkonċernaw lill-FEŻR u l-FK. Minn dawn il-każijiet 16 kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet finanzjarji lid-DG REGIO li jammontaw għal total ta' EUR 162 970 401. L-OLAF ma fetaħ l-ebda investigazzjoni dwar kunflitt ta' interess li jikkonċerna l-FSE tul il-perjodu 2000-2022.

**L-Istati Membri jqiegħdu enfasi kbira fuq l-identifikazzjoni tal-kunflitt ta' interess fil-qasam tal-akkwist pubbliku iżda ma jiddedikawx attenzjoni suffiċjenti lil xi allarmi ħomor**

**59** L-Artikolu 61(3) tar-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-individwi li jimplimentaw il-fondi tal-UE, u dawk li jħejju l-qafas legali korrispondenti, ma jiġux “[kompromessi] għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess personali dirett jew indirett ieħor.” Għadd ta' awtoritajiet li intervistajna qalulna li l-informazzjoni dwar il-ħajja emozzjonali, l-affinitajiet politiċi u l-interessi personali ta' tali individwi diffiċilment setgħet tinkiseb u li f'ħafna każijiet tkun koperta minn regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Għaldaqstant, mhux ir-raġunijiet kollha wara l-kunflitti ta' interess jistgħu jiġi identifikati permezz ta' kontroverifikasi bi tqabbil ma' reġistri u bażiżiet ta' data.

**60** L-awtoritajiet tal-Istati Membri jqiegħdu enfasi akbar fuq l-identifikazzjoni tal-kunflitti ta' interess fi proċeduri ta' akkwist milli fuq oqsma ta' attivitā oħra. Il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, maħruġa fl-2019, jirrakkomandaw korrezzjoni ta' 100 % kull meta kunflitt ta' interess mhux żvelat jew immitigat b'mod inadegwat ikun ġie identifikat b'impatt fuq l-eżitu tal-proċedura ta' akkwist.

**61** L-awditi li wettaqna tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni fi snin reċenti identifikaw l-irregolaritajiet li preċedentement ma ġewx impediti jew ikkoreġuti min-naħħa tal-awtoritajiet nazzjonali, u li involvew kunflitti ta' interess potenzjali fejn l-applikanti kienu assoċjati ma' partijiet ikkonċernati oħra involuti fi proġetti ffinanzjati mill-UE (ara l-eżempji fil-Kaxxa 5).

## Kaxxa 5

### Eżempji ta' kunflitti ta' interess fl-akkwist pubbliku li jinvolvu beneficijarji privati

Fiċ-Ċekja, fil-kuntest ta' proġett għax-xiri ta' karozzi tal-linja li jitħaddmu bil-gass naturali kkompressat biex jieħdu post dawk antiki, sibna li l-beneficijarju u l-offerent rebbieħ kienu proprjetà tal-istess grupp u taħt il-kontroll tiegħu. Il-beneficijarju ma rrikjedie ix-żejt li l-offerenti potenzjali jkollhom kwalunkwe esperjenza, u dan xejn ma kien tas-soltu meta jitqiesu r-referenzi li s-soltu jiġu rikjesti għal proġetti simili. Il-beneficijarju ma weriex suffiċċientement li huwa kien ħa l-miżuri xierqa biex jippreveni, jidentifika u jirrimedja l-kunflitti ta' interess li jirriżultaw mis-sjeda u r-rabtiet personali mal-offerent rebbieħ u ma' min jissottometti l-offerta. Dan il-punt ma ġiex kopert fil-lista ta' kontroll tal-awtorità tal-awditjar.

Fir-Rumanija, kumpanija rċeviet appoġġ mill-UE għar-ristrutturar u t-trasformazzjoni tal-vinji li jkopru żona ta' 15-il ettaru mikrija mingħajr ħlas minn persuna fiżika għal perjodu ta' 15-il sena, li warajh il-vinja tkun tingħata lura lil dik il-persuna. Il-liġi Rumena tirrikjedi li l-beneficijarji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jevitaw sitwazzjonijiet li jirriżultaw f'kunflitti ta' interess, b'mod partikolari fejn jeżistu konnessjonijiet bejn il-beneficijarji u l-fornituri tagħhom. Il-beneficijarju ffirma kuntratt ma' kumpanija oħra għat-tnejha mekkanika u manwali tal-ħaxix ħażin mill-pjantaġġun u għall-installazzjoni ta' sistema ta' appoġġ. Sibna li sid l-art kien l-uniku azzjonist u amministratur ta' dan il-fornitur. Aħna għaddejna dan il-każ i-l-OLAF għal aktar investigazzjoni.

Sors: il-QEA.

**62** Osservajna li fl-Istati Membri teżisti varjetà kbira ta' verifikasi u proċeduri relatati mal-akkwist. Tali verifikasi ġeneralment jiffukaw fuq dikjarazzjonijiet dwar il-kunflitti ta' interess u kultant jinvolvu l-verifikazzjoni tal-ismijiet ta' min ikun ħa d-deċiżjonijiet fil-bażijiet ta' *data* dwar il-popolazzjoni jew li jsiru kontroverifikasi bi tqabbil ma' għodod ibbażati fuq l-internet disponibbli għall-pubbliku, bħalma huma r-reġistri tal-kummerċ. Eżempji oħra ta' sitwazzjonijiet li jaf jindikaw kunklitt ta' interess, magħrufa komunement bħala “allarmi oħra”, jidhru fil-**Kaxxa 6**.

## Kaxxa 6

### Eżempji ta' allarmi ħomor għall-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-akkwist pubbliku

L-awtoritajiet maniġerjali tal-FEŻR għal Saarland u l-Bavarja, fil-verifikasi regolari tagħhom fuq il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, identifikaw għadd ta' allarmi ħomor li jindikaw kunflitti ta' interess potenzjali. Dawn jinkludu:

- I-istess kuntrattur dejjem jirbaħ proċeduri organizzati minn awtorità kontraenti partikolari;
- devjazzjonijiet minn proċeduri ta' sejħa għall-offerti standard għall-ebda raġuni, eż. meta tingħażel proċedura nneozjata meta setgħet tintuża proċedura miftuħa;
- I-offerti sottomessi mill-offerenti jvarjaw dejjem bl-istess perċentwal, eż. waħda tkun dejjem 10 % aktar baxxa mill-oħra.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni miġbura waqt l-awditi.

**63** Allarmi ħomor oħra għal kunflitti ta' interess potenzjali fil-qasam tal-akkwist pubbliku jinkludu perċentwal għoli ta' proċeduri b'offerent wieħed biss (proċeduri ta' "offerta unika") jew għadd mhux tas-soltu ta' ordnijiet diretti (jiġifieri akkwist mingħajr l-ebda proċedura kompetittiva għas-sottomissjoni tal-offerti). Fir-[rapport tal-pajjiż dwar l-akkwist pubbliku](#) tagħha, l-Ungerija informat lill-Kummissjoni li, bejn l-2015 u l-2017, il-proporzjon ta' proċeduri ta' offerta unika użat mid-diversi aġenzi kontraenti tal-pajjiż kien ivarja bejn 10 % u 28 %. B'mod ġenerali, tali proċeduri kienu ntużaw għal kważi 17 % ta' bejn wieħed u ieħor 8 800 kuntratt konkluż fl-Ungerija. Malta wkoll irrapprtatur perċentwal simili (18.9 %) ta' proċeduri ta' offerta unika, filwaqt li r-Rumanija rrappurtat 50 %<sup>30</sup>. Ir-[rapporti tal-pajjiż li jkopru l-perjodu 2018-2020](#) l-aktar reċenti ma għadhomx jinkludu tali informazzjoni kwantitattiva.

**64** It-[Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku](#) tal-Kummissjoni turi proporzjon pjuttost għoli ta' proċeduri b'offerent wieħed biss fl-2020 li jvarja bejn 9 % fil-Litwanja u l-Iżvezja u 51 % fil-Polonja. Għall-Istati Membri inklużi fil-kampjun tagħna, din tirrapporta rata ta' 41 % fir-Rumanija, 39 % fl-Ungerija, 19 % fil-Ġermanja u 16 % f' Malta. F'dan il-kuntest, l-istituzzjoni nazzjonali tal-awditjar ta' Malta esprimiet tħassib dwar l-użu tal-akkwist pubbliku, bħall-ordnijiet diretti, mingħajr l-approvazzjonijiet meħtieġa u mingħajr ma jiġu ppubblikati fil-ġurnal dwar l-akkwist pubbliku ddedikat

<sup>30</sup> Ara r-[rapporti tal-pajjiż dwar l-akkwist pubbliku](#) (Rapporti tal-pajjiż u informazzjoni dwar il-pajjiżi tal-UE) tal-2018, ippreżżenti mill-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE lill-Kummissjoni Ewropea.

tal-pajjiż<sup>31</sup>. L-Indikatur 2 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku huwa dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu n-negozjar ma' kumpanija mingħajr sejħa għall-offerti, li huma aktar suxxettibbli għall-kunflitti ta' interessa milli huma l-proċeduri miftuħa. Iċ-ċifri għal dan l-indikatur huma pjuttost baxxi għall-kampjun ta' Stati Membri tagħna. Madankollu, dan it-tip ta' proċedura ntuża fir-Rumanija fit-22 % tal-każijiet.

### **Il-korpi tal-awditjar fl-Istati Membri sabu dgħufijiet fl-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interessa**

**65** Fil-qasam tal-agrikoltura, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jfasslu opinjoni annwali dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' kontroll intern tal-aġenzi jiġi tal-pagamenti u dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq li għaliex ikun intalab rimborż mill-Kummissjoni. Skont il-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni<sup>32</sup>, jeħtieġ li din il-ħidma tkopri l-irregolaritajiet bħalma huma l-kunflitti ta' interessa. Fl-Istati Membri inklużi fil-kampjun, il-korpi taċ-ċertifikazzjoni ma rrappurtawx dgħufijiet sistematiċi fl-immaniġjar, min-naħħa tal-aġenzi jiġi tal-pagamenti, tal-kunflitti ta' interessa. Fi snin reċenti, meta vvalutaw ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet, fl-Ungerija u l-Ġermanja (il-Bavarja) identifikaw inqas minn 10 żbalji (fil-biċċa l-kbira formali) marbuta mal-kunflitti ta' interessa.

**66** Fil-qasam tal-koeżjoni, fil-perjodu 2014-2020 l-awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali jew reġjonali wettqu awditi biex jivvalutaw is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri, inkluża l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessa. L-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali ma rrappurtaw l-ebda dgħufija fil-kampjun tagħna fil-Ġermanja u l-Ungerija. L-awtorità tal-awditjar ta' Malta kkonkludiet li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fil-pajjiż kienu qed jaħdmu iżda kienu jeħtieġu xi titjib. L-awtorità tal-awditjar tar-Rumanija semmiet xi dgħufijiet fl-użu ta' [Arachne](#) (l-ġħodda għall-klassifikazzjoni tar-riskju pprovduta mill-Kummissjoni, kif spjegat fil-paragrafi [67](#) sa [69](#)) fil-ġestjoni tal-FEŻR u tal-FK.

---

<sup>31</sup> Ir-Rapport tal-Awditur Ġeneral, 2019, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ta' Malta.

<sup>32</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (DGS AGRI), il-Linja gwida Nru 1 – Linji gwida għall-awditu taċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet FAEG/FAEŻR – Linja gwida għall-akkreditazzjoni, is-sena finanzjarja 2021.


## L-estrazzjoni ta' *data* ma tintużax suffiċjentement għall-identifikazzjoni tal-kunflitti ta' interessa

**67** Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri jużaw l-applikazzjoni għall-estrazzjoni ta' *data*, Arachne, li hija pprovduta mill-Kummissjoni mingħajr ħlas, biex jgħinu fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi. Arachne hija għoddha għall-klassifikazzjoni tar-riskju li tgħażżeq flimkien sorsi ta' *data* u tindika proġetti u beneficiarji potenzjalment riskju.

**68** F'Arachne l-Kummissjoni toffri modulu li jippermetti lill-awtoritajiet maniġerjali u lill-aġenzi tal-pagamenti jivvalutaw ir-riskju ta' frodi u kunflitti ta' interessa matul il-fażi tal-għażla tal-proġetti. L-għoddha nnifisha ma tistax turi l-kunflitti ta' interessa reali, iżda tista' tgħin lill-awtoritajiet maniġerjali u lill-aġenzi tal-pagamenti jidher kaw allarmi ġhomor li jitkolbu investigazzjoni ulterjuri. Arachne tista' tkun utli fl-indikazzjoni tal-kunflitti ta' interessa fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell tal-benefiċjarji/tal-kuntratturi/tas-sottokuntratturi. Madankollu s-settijiet ta' *data* tagħha ma inkludewx informazzjoni dwar uffiċjali pubbliċi li japprovaapplikazzjonijiet għall-proġetti taħt il-ġestjoni kondiviża u li huma responsabbli għall-kontrolli fl-Istati Membri inklużi fil-kampjun tagħna.

**69** L-użu ta' Arachne fil-ġestjoni kondiviża fil-livell tal-Istati Membri huwa aktar komuni fil-qasam tal-koejżjoni milli f'dak tal-agrikoltura. Madwar kwart tal-korpi involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi tal-UE li rrispondew għall-istħarriġ tagħna użaw Arachne biex jivverifikaw hemmx kunflitti ta' interessa u jidher kaw (26%). Kważi nofs ir-rispondenti ma użaww Arachne (49%) u kwart minnhom jew ma kinux jafu jew inkella ma xtaqux jgħidu (25%). L-aktar li jużaw Arachne huma l-awtoritajiet maniġerjali (47%) u l-anqas li jużawha huma l-aġenzi tal-pagamenti u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni (12% u 6%, rispettivament). Minn 130 aġenzija li jużaw Arachne, 'il fuq minn nofshom (54%) jagħmlu dan “dejjem” jew “ta’ spiss”, filwaqt li l-bqija jagħmlu dan biss “xi kultant” jew “rarament” (ara l-*Figura 6* hawn taħt):

**Figura 6 – Użu ta’ Arachne biex jiġi vverifikat hemmx kunflitti ta’ interess fil-proġetti\***



\* Kien hemm 160 rispondent għall-istħarriġ fl-Istati Membri kollha (principalement awtoritajiet maniġjerjali u spiss li jkunu qed jaġixx bħala koordinaturi) li pprovdew risposti għal 501 istituzzjoni b'kollox.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq stħarriġ li sar fl-Istati Membri kollha.

**70** Fl-2016, il-Kummissjoni stabbiliet Sistema ta’ Identifikazzjoni Bikrija u ta’ Esklużjoni (EDES)<sup>33</sup> għal fondi li jintefqu taħt ġestjoni diretta u indiretta. Is-sistema tiżgura li l-applikanti li jikkostitwixxu riskju għall-interessi finanzjarji tal-UE jinqabdu minn kmieni u jiġu esklużi mill-proċeduri għall-għoti jew mill-għażla biex jimplimentaw fondi tal-UE. B’mod partikolari, l-esklużjoni hija applikabbli għal dawk suspettati jew li nstabu ħatja ta’ frodi, korruzzjoni, imġiba ħażina professjonal gravi (inklużi tentattivi biex proċedura ta’ għoti tiġi influwenzata b’mod mhux xieraq) jew attivitat illegali oħra. L-informazzjoni dwar tali applikanti tkun rilevanti wkoll għall-ġestjoni kondiviża. Kif irrapportajna fir-Rapport Speċjali 11/2022: “[Protezzjoni tal-baġit tal-UE: Jeħtieġ li jsir użu aħjar mill-blacklisting](#)”, attwalment ma hemm l-ebda mekkaniżmu biex kontropartijiet jiġu esklużi taħt il-ġestjoni kondiviża, u Arachne mhijiex interkonnessa mal-EDES. Meta wieħed iqis li ż-żewġ applikazzjonijiet huma żviluppati mill-Kummissjoni, in-nuqqas ta’ integrazzjoni bejniethom tfisser li qed jintilfu l-opportunitajiet biex jiġu impediti sitwazzjonijiet ta’ kunflitt ta’ interess.

<sup>33</sup> Is-Sistema ta’ Identifikazzjoni Bikrija u ta’ Esklużjoni.

**71** L-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-kampjun tagħna spjegaw li huma ppreferew jużaw bażijiet ta' *data* nazzjonali, bħar-reġistri nazzjonali tal-kummerċ u l-bażijiet ta' *data* dwar il-popolazzjoni. Fil-fehma tagħhom, tali bażijiet ta' *data* huma aktar aġġornati u jinkludu informazzjoni aktar kompleta minn dik li wieħed isib f'Arachne. Barra minn hekk, fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw proċeduri ta' akkwist ġusti u jevitaw il-kunflitti ta' interessa, għadd ta' awtoritajiet fl-Ungjerija, Malta u r-Rumanija jużaw ġħodod nazzjonali għall-estrazzjoni ta' *data* (ara l-eżempju fil-**Kaxxa 7**). L-awtoritajiet Ġermaniżi la jużaw Arachne u lanqas ġħodod nazzjonali għall-estrazzjoni ta' *data* minħabba tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-*data* f'Arachne.

## Kaxxa 7

### Sistema PREVENT fir-Rumanija

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità tar-Rumanija stabbiliet PREVENT, sistema ta' informazzjoni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interessa fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Is-sistema hija bbażata fuq "formoli ta' integrità", li huma ġġenerati mis-sistema tal-IT użata għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku kollha li jingħaddu mis-sistema elettronika tal-pajjiż għat-tressiq tal-offerti. F'dawn il-formoli ta' integrità, l-awtoritajiet kontraenti jridu jdaħħlu l-ismijiet ta' dawk kollha rilevanti li jieħdu deċiżjonijiet, mill-organizzazzjoni tagħhom u mill-organizzazzjonijiet offerenti. PREVENT imbagħad tqabbel din l-informazzjoni b'mod awtomatiku ma' *data* fir-reġistru dwar il-popolazzjoni u fir-reġistru tal-kummerċ. Din tagħti punteggia ta' 0 jew 1, fejn 1 jindika sitwazzjoni potenzjali ta' kunflitt ta' interessa. F'dan il-każ, spettur għall-integrità janalizza l-każ bil-għan li jeskludi pożittiv falz u, jekk jiġi kkonfermat kunflitt ta' interessa, joħroġ twissija dwar l-integrità lill-awtorità kontraenti.

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni miġbura waqt l-awditi.

**72** Is-sistema PREVENT fir-Rumanija hija eżempju ta' kif it-teknoloġija tista' tintuża biex tiskrutinizza eluf ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. Madankollu, b'sistema bħal din hemm ukoll nuqqasijiet. Pereżempju, hija tista' tintuża biss għal offerti ppubblikati fis-sistema elettronika għat-tressiq tal-offerti (16 % tal-offerti bejn l-2018 u l-2020 ma kinux), ma hemm l-ebda sanżjoni għall-awtoritajiet kontraenti li jonqsu milli jimlew il-formoli ta' integrità, u l-kunflitti ta' interessa potenzjali jistgħu jibqgħu ma jiġux identifikati billi dawk il-każijiet li jingħataw punteggia ta' 1 biss jiġu fil-fatt investigati. Fl-2020, 19 506 proċeduri ta' akkwist pubbliku ġew analizzati permezz ta' PREVENT, u l-ispetturi għall-integrità ħarġu 10 twissijiet dwar l-integrità, fosthom 4 li kienu jikkonċernaw fondi tal-UE. Barra minn hekk, l-effettivitā ta' tali għoddha tiddependi ħafna mill-kwalitā tal-algoritmu tagħha u tad-*data* miksuba mill-formoli tal-integrità.

**73** Id-disponibbiltà dejjem akbar tal-“big data” dwar l-akkwist pubbliku, flimkien mal-iżviluppi fil-kapaċità tal-għodod diġitali li janalizzaw tali *data*, jagħmluha possibbli li fl-ġħoti ta’ kuntratti pubbliċi<sup>34</sup> jiġu analizzati xejriet li jaf jindikaw allarmi ħomor biex issir investigazzjoni ulterjuri. L-istess japplika għall-ġħoti ta’ għotjet pubbliċi. B’mod ġenerali, l-użu ta’ għodod għall-estrazzjoni ta’ *data* biex jinqabdu l-kunflitti ta’ interess għadu sottożviluppat.

### Hemm mekkaniżmi ta’ riżoluzzjoni fis-seħħi, iżda l-proċeduri jaf jieħdu ż-żmien

**74** Il-kunflitti ta’ interess jaf ikunu marbuta ma’ mgħiba irregolari jew frodulenti oħra. Dan huwa rifless fil-firxa ta’ għażiela disponibbli biex jiġu indirizzati tali każijiet ladarba jiġu identifikati, bħal:


- sanzjonijiet jew proċeduri dixxiplinari kontra uffiċjali tal-UE jew nazzjonali li jinstabu qed jiksru r-regoli jew l-obbligi professjonali;
- proċeduri li għandhom l-għan li jipproteġu l-baġit tal-UE, bħall-irkupru ta’ fondi żborżati b’mod irregolari mill-benefiċjarju jew l-applikazzjoni ta’ korrezzjonijiet finanzjarji min-naħħa tal-Kummissjoni;
- proċedimenti kriminali fil-qrat nazzjonali.

**75** L-awtoritajiet tal-Istati Membri inklużi fil-kampjun tagħna indikaw li, meta jissanzjonaw il-kunflitti ta’ interess, ġeneralment ma jagħmlux distinzjoni bejn fondi tal-UE u fondi nazzjonali. L-awtoritajiet Rumeni infurmawna bi tliet każijiet fil-perjodu 2014-2020 li fihom kienu ssanzjonaw membri tal-persunal minħabba kunflitti ta’ interess (ara l-*Figura 7*).

---

<sup>34</sup> Ara eż. Elizabeth Dávid-Barrett u Mihály Fazekas, *Grand corruption and government change: an analysis of partisan favoritism in public procurement*, European Journal on Criminal Policy and Research 26, 411-430 (2020).

**Figura 7 – Jeħtieġ iż-żmien biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess**



Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni miġbura waqt l-awditi.

**76** Meta l-fatti jikkwalifikaw bħala reat kriminali, il-prosekuturi jistgħu jressqu l-każijiet quddiem qorti (ara l-Kaxxa 8).

### Kaxxa 8

#### Il-kunflitti ta' interess jaf ikunu marbuta ma' varjetà ta' reati kriminali li jkunu għadhom qed jiġu investigati

Fl-Italja, delegati minn aġenzija tal-pagamenti li kellhom aċċess għas-sistema ta' regiestrazzjoni tal-biċċiet raba' ġew akkużati li pprovdew informazzjoni lil partijiet terzi dwar biċċiet raba' li l-ebda bidwi ma kien għadu talab. Dawn il-partijiet terzi huma akkużati li talbu dawn il-biċċiet art, mingħajr titolu legali validu fuq l-art u mingħajr ma wettqu l-ebda attivitā agrikola fuqhom. Dawn l-allegati reati jagħmlu parti minn każ kbir ta' frodi ssuspettata li jikkonċerna talbiet li jmorru lura għall-2010, li għalih il-proċedimenti kriminali bdew fl-2021 u għadhom għaddejjin.

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni miksuba waqt l-.

**77** Meta kunflitt ta' interess jirriżulta fl-iżborżament irregolari ta' fondi tal-UE, l-ammonti kkonċernati jridu jiġu rkuprati mill-benefiċjarju<sup>35</sup>. Jekk Stat Membru ma jiħux l-azzjoni ta' rkupru adegwata, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji bi tqabbil mal-baġit nazzjonali tiegħu. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta tidentifika dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-korpi nazzjonali involuti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi tal-UE, bħal fil-każ deskrift fil-*Kaxxa 1* hawn fuq.

### Ir-rappurtar dwar il-kunflitti ta' interess mhuwiex komplet


**78** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri inklużi fil-kampjun tagħna ma jippubblikawx informazzjoni dwar l-iskala tal-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża. Ma tista' tinsab l-ebda informazzjoni kwantitattiva komprensiva dwar il-każijiet jew is-sejbiet b'rabta mal-kunflitt ta' interess fir-*rapporti annwali tal-attività tad-DG*, fir-*rapporti annwali tal-OLAF* jew fir-*rapporti annwali* dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, u ma hemm l-ebda indikatur korrispondenti li jkejjel il-frekwenza u l-kobor tal-irregolaritajiet tal-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża.

**79** L-Istati Membri jirrapportaw l-irregolaritajiet u l-frodi lill-OLAF permezz tas-Sistema ta' ġestjoni tal-irregolaritajiet (IMS). Mis-sena 2000 'il hawn, l-Istati Membri rrapportaw 440 każ ta' kunflitt ta' interess fl-oqsma tal-koejzoni u tal-agrikoltura fl-IMS. 'Il fuq minn nofs dawk il-każijiet (55.4 %) ġew irrapportati għall-FEŻR, 19 % għall-fondi ta' qabel l-adeżjoni, 17 % għall-FSE u l-ġħadd l-aktar baxx għall-FAEG u l-FK (2 % u 3.4 % rispettivament), (ara l-*Figura 8* hawn taħt). Il-każijiet ta' kunflitt ta' interess irreġistrati fl-IMS jirrappreżentaw 0.4 % tal-ġħadd totali ta' irregolaritajiet irrapportati (*data* minn Marzu 2022).

---

<sup>35</sup> L-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1306/2013 u l-Artikolu 122 tar-Regolament Nru 1303/2013.

**Figura 8 – Każijiet ta’ kunflitt ta’ interess fl-IMS skont il-fond**



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduha mill-IMS.

**80** Minħabba derogi legali<sup>36</sup>, madankollu, mhux l-irregolaritajiet kollha jiddaħħlu fl-IMS. Skont il-manwal tal-UE dwar ir-rappurtar tal-irregolaritajiet, ma hemm l-ebda obbligu li l-irregolaritajiet jiġu rrappurtati lill-OLAF jekk dawn jiġu identifikati u kkorreġuti mill-Istati Membri qabel ma dawn jippreżentaw l-infiq lill-Kummissjoni għar-rimborż, jew jekk l-ammont involut ikun taħt l-EUR 10 000. Bħalma sibna f'awditi preċedenti<sup>37</sup>, il-kwantità u l-kwalità tad-data u l-informazzjoni rreġistrata fl-IMS ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Fl-IMS ma jiġux irreġistrati l-każijiet kollha investigati mill-OLAF, lanqas. Pereżempju, min-naħħa tal-Istati Membri kkonċernati ġew irreġistrati fl-IMS biss 6 każijiet mit-18 miftuħha mill-OLAF b'komponent ta’ kunflitt ta’ interess fil-qasam tal-koejzjoni. L-Istati Membri jistgħu jqisu wkoll kunflitt ta’ interess bħala komponent minuri f’każ usa’ ta’ frodi (eż. dokumenti jew dikjarazzjonijiet iffalsifikati, korruzzjoni, tixħim) u ma jirrappurtawx tali każijiet bħala każijiet marbuta ma’ kunflitti ta’ interess.

<sup>36</sup> L-Artikolu 122(2) tar-Regolament Nru 1303/2013; L-Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1306/2013.

<sup>37</sup> Ir-Rapport Speċjali 01/2019 “Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE”, il-paragrafi 23-28, u r-Rapport Speċjali 06/2019 “L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koejzjoni tal-UE”, il-paragrafi 47-57.

**81** Minbarra d-data fl-IMS, id-DG REGIO u d-DG EMPL jirčieu informazzjoni dwar każijiet ta' kunflitt ta' interess u rkupri relatati fil-qasam tal-akkwist pubbliku mill-Istati Membri fl-FSE, l-FK u l-FEŻR permezz tal-SFC, is-sistema tal-UE għall-ġestjoni tal-fondi. Fil-perjodu 2014-2020, l-Istati Membri kkomunikaw 31 irregolarità marbuta mal-kunflitti ta' interess, li ammontaw għal total ta' EUR 3.4 miljun, u li kienu affettwaw l-eżitu ta' proċeduri ta' akkwist (4 taħt il-FK, 24 taħt il-FEŻR u 3 taħt il-FSE). Dawk il-31 każ huma relatati ma' 16-il programm fi 11-il Stat Membru.

**82** Id-DG AGRI ma jirċevix tali informazzjoni dwar każijiet simili taħt il-FAEŻR permezz tal-SFC, billi l-Istati Membri jibagħtu biss tabelli sommarju, li ma jurux it-tip ta' irregolarità f'kull każ.

## Konklużjonijiet u rakkmandazzjonijiet

**83** Il-konklużjoni ġeneralist tagħna hija li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għamlu sforzi biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess, iżda li għad hemm lakuni, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-promozzjoni tat-trasparenza u l-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet f'riskju.

**84** Il-qafas tal-Kummissjoni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess internament huwa bbażat fuq ir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE, id-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tagħhom, kif ukoll il-kodiċijiet tal-etika u l-gwidi tal-etika tagħhom, u jinkludi taħriġ komprensiv dwar l-etika (il-paragrafi [20](#) sa [22](#)). Barra minn hekk, l-Ombudsman Ewropew analizzat il-prattiki tal-Kummissjoni rigward ir-revolving doors u rrakkmandat li b'mod temporanju din tipprobixxi lil eks uffiċjali milli jibdew impjiegi jekk jikkostitwixxu riskju li ma jkunx jista' jiġi mmitigat permezz ta' restrizzjonijiet immonitorjati u infurzati sew (ara l-paragrafu [24](#)).

**85** L-awditi li l-Kummissjoni wettqet fl-oqsma tal-koeżjoni u l-agrikoltura jkopru kunflitti ta' interess fejn ikun rilevanti, inkluż għall-pagamenti diretti lill-bdiewa mill-2021 'il quddiem. Awditi mwettqa mill-Kummissjoni jgħinu biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fil-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, li spiss jikkonċernaw problemi proċedurali iżda wkoll dgħufijiet aktar ġenerali fil-ġestjoni tal-akkwist pubbliku (il-paragrafi [25](#) sa [28](#)).

**86** L-Istati Membri li eżaminajna għandhom fis-seħħi regoli u proċeduri biex jipprevien u jimmaniġġjaw il-kunflitti ta' interess, iżda dawn ma għaddew minn l-ebda bidla sostanzjali mindu ġie aġġornat ir-Regolament Finanzjarju fl-2018. L-awtodikjarazzjonijiet huma l-aktar metodu użat, flimkien ma' attivitajiet ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni fl-oqsma tal-etika u l-integrità, filwaqt li r-rotazzjoni tal-persunal hija anqas ippreferuta. Il-membri tal-gvern involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-finanzjament għal programmi tal-UE ma kellhom jiprovvdu l-ebda tip ta' dikjarazzjoni (il-paragrafi [29](#) sa [42](#)).

**87** Li jkun hemm informazzjoni miftuħha, komparabbi u trasparenti dwar ir-riċevituri finali tal-fondi tal-UE jagħti lok ukoll għal skrutinju pubbliku aħjar. Fis-sit web tagħha, il-Kummissjoni tippubblika links għal siti web nazzjonali u reġjonali li jelenkaw il-benefiċjarji ta' finanzjament mill-UE fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-koeżjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel disponibbi għall-pubbliku l-pjattaforma online, Kohesio, b'informazzjoni dwar il-proġetti ffinanzjati mill-fond ta' koeżjoni fl-Istati Membri kollha. Dawk is-siti web attwalment ma fihom l-ebda informazzjoni dwar il-benefiċjarji

finali li huma persuni ġuridiċi, u dan jillimita t-trasparenza. L-identifikazzjoni tas-sidien beneficijarji finali ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn finanzjament mill-UE se tkun obbligatorja fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid fil-qasam tal-koeżjoni. Mill-2023 'il quddiem, il-beneficijarji ta' fondi agrikoli se jkollhom jipprovdu informazzjoni dwar gruppi ta' impriżi li jipparteċipaw fihom (il-paragrafi [43](#) sa [46](#)).

**88** Mill-iskambji tagħna mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, ikkonkludejna li l-informazzjoni dwar il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika u l-interessi personali hija diffiċċli biex tinkiseb u f'ħafna każijiet tkun protetta minn regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Fil-qasam tal-akkwist, osservajna varjetà ta' proċeduri ta' verifikazzjoni fl-Istati Membri, li ġeneralment iffukaw fuq dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u xi drabi inkludew verifikasi fuq l-ismijiet ta' min ikun ħa d-deċiżjonijiet bi tqabbil ma' bażijiet ta' data dwar il-popolazzjoni u għodod ibbażati fuq l-internet disponibbli għall-pubbliku, bħar-reġistri tal-kummerċ (il-paragrafi [59](#) sa [62](#)).

**89** L-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni kondiviża jivverifikaw ukoll sitwazzjonijiet ta' akkwist li jaf jindikaw kunflitt ta' interess, komunement magħrufa bħala "allarmi ħomor". Madankollu sibna li ċerti allarmi ħomor ma ngħatawx attenzjoni suffiċċenti, bħal proporzjon għoli ta' proċeduri li fihom hemm offerent wieħed biss jew fejn il-kuntratti jiġu nneżozi ma' forniture mingħajr proċedura kompetittiva għas-sottomissjoni tal-offerti (il-paragrafi [63](#) u [64](#)).

**90** L-użu ta' Arachne huwa volontarju. Barra minn hekk, l-għoddha ma fihix informazzjoni dwar uffiċjali pubbliċi involuti fil-ġestjoni u l-kontroll ta' fondi tal-UE. Dan jillimita t-tip ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li jistgħu jiġu identifikati bis-saħħha tagħha (il-paragrafi [67](#) sa [69](#)). Bħal kwalunkwe għoddha għall-estrazzjoni ta' data, l-utilità tagħha tiddependi ħafna mill-kwantità u l-kwalità tad-data ta' bażi disponibbli.

**91** L-Istati Membri jiġbru data dwar il-kunflitti ta' interess bħala parti mill-obbligu tagħhom li jirreġistraw l-irregolaritajiet u jirrapportawhom lill-Kummissjoni. Minħabba dgħufijiet fir-rappurtar, la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri ma għandhom stampa ġenerali kompleta tal-ammonti milquta mill-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża u ma hemm l-ebda indikatur korrispondenti (il-paragrafi [78](#) sa [82](#)).

## Rakkomandazzjoni 1 – Titjib tal-kapaċità għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-kunflitti ta’ interess

---

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) Tiffaċilita u tippromwovi l-kondiżjoni tal-aħjar prattika mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, u fosthom, dwar kif jidentifikaw id-diversi sitwazzjonijiet ta’ kunflitt ta’ interess deskritti fl-Artikolu 61(3) tar-Regolament Finanzjarju: il-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interessi ekonomiċi jew kwalunkwe interess dirett jew indirett ieħor;
- (b) Tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-użu tal-big data u l-għodod għall-estrazzjoni ta’ *data* fl-Istati Membri biex jiġu identifikati l-kunflitti ta’ interess u tistieden lill-Istati Membri biex dawn l-għodod jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kollha tagħhom u biex jużawhom b'mod sistematiku;
- (c) Tistabbilixxi gwida ċara għall-Istati Membri dwar meta u kif jirrappurtaw il-frodi u l-irregolaritajiet li jinvolvu l-kunflitti ta’ interess b'mod komplet u uniformi lill-Kummissjoni permezz tal-IMS.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2024**

## Rakkomandazzjoni 2 – Promozzjoni tat-trasparenza

---

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) Tidentifika u xixerred l-aħjar prattika, inklużi proċeduri li ġew applikati biex jipprevieni l-kunflitti ta’ interess meta programmi u miżuri jiġi mfassla u adottati;
- (b) Tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika fost l-Istati Membri rigward ir-rekwiżit tad-dikjarazzjonijiet dwar l-introjtu u l-assi tal-membri tal-persunal tas-setturi pubbliku nazzjonali jew reġjonali li jaħdmu f'pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni kondiżiża, sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-obbligu ta’ rendikont, u jitnaqqas ir-riskju ta’ kunflitti ta’ interess mhux żvelati.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2024**

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Audituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Jannar 2023.

*Għall-Qorti tal-Audituri*

Tony Murphy  
*II-President*

# Abbrevjazzjonijiet

**DG AGRI:** Id-Direttorat Ĝeneralni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

**DG BUDG:** Id-Direttorat Ĝeneralni għall-Baġit

**DG EMPL:** Id-Direttorat Ĝeneralni tal-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

**DG HR:** Id-Direttorat Ĝeneralni tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà

**DG REGIO:** Direttorat Ĝeneralni għall-Politika Reġjonali u Urbana

**EDES:** Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni

**FAEG:** Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

**FAEŻR:** Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FK:** Fond ta' Koeżjoni

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**GRECO:** Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni

**IDOC:** Uffiċċju ta' Investigazzjoni u ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni

**IMS:** Sistema ta' ġestjoni tal-irregolaritajiet

**OECD:** Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**OLAF:** Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi

**PAK:** Politika agrikola komuni

**SFC:** Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea

**UPPE:** Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

# Glossarju

**Aġenċija tal-pagamenti:** Korp maħtur minn Stat Membru biex jamministra l-infiq agrikolu tal-UE.

**Arachne:** Għoddha għall-estrazzjoni ta' *data* u għall-klassifikazzjoni tar-riskju żviluppata mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-awtoritajiet maniġerjali u lill-aġenċiji tal-pagamenti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-Fondi SIE u PAK.

**Awtorità maniġerjali:** L-awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali (pubblika jew privata) deżinjata minn Stat Membru biex timmaniġġja programm iffinanzjat mill-UE.

**Benefiċjarju:** Persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi għotja jew selfa mill-baġit tal-UE.

**Big data:** Ammonti kbar ta' *data* mhux strutturata minn sorsi differenti, u l-ipproċessar, il-ġbir, il-ħażin u l-analiżi tagħha biex jiġu żvelati xejriet, tendenzi u assoċjazzjonijiet ta' sinifikat.

**Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni:** Dikjarazzjoni ppubblikata fir-rapport annwali tal-QEA, li tistabbilixxi l-opinjoni tal-awditjar tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

**Frodi suspectata:** Irregolarità li tagħti lok għal proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji biex jiġi stabbilit jekk kinitx froudenti.

**Frodi:** Użu intenzjonat u illegali ta' qerq biex jinkiseb vantaġġ materjali billi parti oħra tiġi mċaħħda minn propretà jew flus.

**Ġestjoni kondiviża:** Metodu ta' kif il-baġit tal-UE jintefaq fejn, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħi f'ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tiddeleġa lill-Istat Membru iżda tibqa' finalment responsabbi hi.

**Informatur:** Persuna, spiss impjegat, li tiżvela informazzjoni dwar għemil ħaġin fi ħdan negozju jew organizzazzjoni.

**Irregolarità:** Ksur tar-regoli tal-UE (jew tar-regoli nazzjonali rilevanti) jew tal-obbligi kuntrattwali.

**Korp taċ-ċertifikazzjoni:** Fil-każ tal-infiq agrikolu, entità pubblika jew privata deżinjata minn Stat Membru biex takkredita lill-aġenċiji tal-pagamenti u tiċċertifika annwalment l-affidabbiltà tal-kontijiet tagħhom, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

**Korruzzjoni:** Abbuż ta' poter pubbliku, korporattiv jew personali għal qligħ illeċitu.

**Pagamenti diretti:** Pagamenti ta' appoġġ, fil-biċċa l-kbira għajjnuna relatata maż-żona, li jsiru direttament lill-bdiewa taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

**Pjan ta' azzjoni:** Dokument li jistabbilixxi l-passi li għandhom jittieħdu biex jintlaħaq ġħan partikolari.

**Programm operazzjonali:** Qafas għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' koeżjoni ffinanzjati mill-UE f'perjodu stabbilit, li jirrifletti l-prioritajiet u l-objettivi stabbiliti fi ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u Stati Membri individwali.

**Programm tal-iżvilupp rurali:** Sett ta' objettivi u azzjonijiet pluriennali nazzjonali jew reġjonali, approvati mill-Kummissjoni, għall-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.

**Revolving doors:** Sitwazzjoni li fiha xi ħadd jitlaq minn rwol leġiżlattiv jew regolatorju biex jieħu pożizzjoni relatata fis-settur privat, jew *vice versa*.

**Sid beneficiarju finali:** Persuna li fl-aħħar mill-aħħar tibbenifika minn negozju jew organizzazzjoni jew għandha interess fihom.

**Sinjal ta' allarm:** Indikazzjoni li tranżazzjoni jew attivită oħra jaf ikunu frodulenti.

**Sistema ta' ġestjoni tal-irregolaritajiet:** Applikazzjoni li l-Istati Membri jużaw biex jirrapportaw l-irregolaritajiet, inkluża l-frodi suspettata, lill-OLAF.

**Żball:** Ir-riżultat ta' kalkolu skorrett jew ta' irregolarità li jirriżultaw minn nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali u kuntrattwali.

## Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=63584>

## Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=63584>

## Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompli tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Auditjar – Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Pietro Russo, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Chiara Cipriani, Kap tal-Kabinet, u Benjamin Jakob, Attaché tal-Kabinet; Richard Hardy, Maniġer Prinċipali; Jan Huth, Kap tal-Kompli; Anca Florinela Cristescu, Deputat Kap tal-Kompli, u Servane de Becdelièvre, Maciej Szymura, Mihaela Vacarasu, Lutz Venske, Audituri. Marika Meisenzahl ipprovdiet appoġġ grafiku. Michael Pyper ipprovda appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin: Pietro Russo, Benjamin Jakob, Anca Florinela Cristescu, Richard Hardy, Servane de Becdelièvre, Jan Huth*

## DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Audituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbi, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkant u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figuri 4 u 7 – Ikon: il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn Flaticon.com. © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma eskużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovd links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

### Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-847-9567-3	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/92863	QJ-AB-23-006-MT-N
HTML	ISBN 978-92-847-9569-7	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/50182	QJ-AB-23-006-MT-Q

**Il-kunflitti ta' interessa huma irregolaritajiet li jaffettwaw il-baġit tal-UE, li jseħħu meta l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' persuna involuta fil-ġestjoni tal-baġit tal-UE jkun kompromess minn raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interessa personali ieħor.**

Aħna eżaminajna jekk il-kunflitti ta' interessa humiex indirizzati b'mod adegwat fil-politika agrikola u fil-politika ta' koejžoni. Nikkonkludu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom qafas fis-seħħi għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess, iżda li għad hemm lakuni fil-promozzjoni tat-trasparenza u l-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet f'riskju.

Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tieħu azzjonijiet biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li tipprevieni, tidentifika u tirrapporta l-kunflitti ta' interessa, u li tippromwovi t-trasparenza.

**Rapport spċċali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.**



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea

**IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsjiet: [eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx](http://eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx)  
Sit web: [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)  
Twitter: @EUAuditors